# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 17**

**Citaz. Nru. 1719/98GV**

Doc. 160-01

**Dr. Carmelo Brincat**

**-vs-**

**Joe Mikallef u Joseph Zahra**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti Joe Mikallef bhala awtur, u Joseph Zahra, bhala editur tal-gurnal "In-Nazzjon" fil-harga tal-istess gurnal tal-Gimgha, 21 ta' Awissu, 1998, f'pagna 40, ippubblikaw artikolu intestat "Kandidat Laburista jipprova jisraq il-vot ta' anzjana" li bih taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinanti bi skop ii joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Premess illi fl-artikolu msemmi l-istess konvenuti allegaw li l-istanti dahal bla permess f'dar privata u li kellu ntenzjoni u pprova jisraq il-vot jew id-dokument tal-vot ta' anzjana.

Premess illi dawn l-allegazzjonijiet m'humiex veri u l-pubblikazzjoni u l-mod kif giet prezentata mill-konvenuti kienet intiza biex issir hsara lill-esponent bhala kandidat ghall-elezzjonijiet generali tal-5 ta' Settembru, 1998.

Premess illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lil kull wiehed mill-istess konvenuti jhallsu lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur a fol. 2 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mikallef u Zahra a fol. 9 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-artiklu in kwistjoni jirrifletti fatti rapportati u lloggjati ufficjalment fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u l-eccipjenti lest jghamel il-prova tat-verita' taghhom.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 17;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat tal-gurnal "In-Nazzjon" fil-harga tal-21 ta' Awissu, 1998 f'pagna 40 bl-artikolu intestat "Kandidat Laburista jipprova jisraq il-vot ta' anzjana", bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu; tikkundanna lill kull wiehed mill-konvenuti jhallas lill-istanti dik is-somma li tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li hu sofra bil-pubblikazzjoni msemmija.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li l-artikolu nkwistjoni jirrifletti fatti rapportati u lloggjati ufficjalment fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u l-eccipjenti lesti li jaghmlu il-prova tal-verita' taghhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed joggezzjona ghall-artikolu li deher fil-gurnal "In-Nazzjon" fil-harga tal-21 ta' Awissu, 1998 fejn ippubblikaw artikolu intestat "Kandidat Laburista jipprova jisraq il-vot ta' anzjana", u specjalment ghall parti fejn jallegaw li l-attur

dahal bla permess fid-dar tal-anzjana bl-intenzjoni u effettivament ipprova jisraq il-vot taghha.

Fir-rapport ta' In-Nazzjon tal-21 ta' Awissu, 1998 jidhru s-segwenti brani li l-attur joggezzjona ghalihom:

*"It-tabib Carmelo Brincat li se jikkontesta l-Elezzjoni Generali tal-5 ta' Settembru flimkien mal-Partit Laburista fuq is-Sitt Distrett qed ikun investigat mill-Pulizija wara rapporti li pprova jisraq jew jimmizapproprja ruhhu mid-dokument tal-vot ta' anzjana li toqghod Hal Qormi.*

*Minn investigazzjoni li ghamel In-Nazzjon jirrizulta li dan l-allegat incident sehh…..*

*Jirrizulta wkoll li x'aktarx hu minnu li t-Tabib Brincat kellu l-intenzjoni li jisraq jew jiehu l-vot ta' l-anzjana minhabba li din kienet qed tghid li f'din l-elezzjoni ma tridx tivvota…" (fol 4).*

Fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti sostnew li l-artikolu nkwistjoni jirrifletti fatti rapportati u lloggjati ufficjalment fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi u l-eccipjenti lest li jaghmel il-prova tal-verita' taghhom.

Il-konvenuti eccepew li huma lesti li jipprovaw li effettivament l-attur kien ipprova jisraq il-vot ta' Consolata Azzopardi; u

u l-artikolu nkwistjoni jirrifletti fatti rapportati u lloggjati ufficjalment fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi

**Rapport**

L-okkorrenza tal-Pulizija a fol. 27 hi bazata fuq rapport li kienet ghamlet Doris Azzopardi, il-mara tat-tifel ta' Consolata Azzopardi. Fir-rapport hemm imnizzel hekk:

*Azzopardi reported that today at about 1930 hrs as she went to her mother in law's residence she found inside Dr. C. Brincat M.D. in her kitchen demanding for her voting document, and later she ordered him to leave said residence. After reporting this, the police had spoken to Consolata Azzopardi and she stated that as she was in her kitchen she turned round and found Dr. C. Brincat M.D. demanding for her voting document and she told him that she had torn said document He replied that if she did not give him said document he is going to bring the police.*

Dan kien ir-rapport li ghamlet Doris Azzopardi lill Pulizija. Il-konvenuti qed jghidu li l-artikolu jirrifletti fatti rapportati u lloggjati ufficjalment fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi mill istess Doris Azzopardi. Izda meta wiehed jezamina akkuratament ir-rapport flimkien ma' l-artikolu li deher fuq "In-Nazzjon" isib li fil-fatt dana l-artikolu jmur oltre dak li rrapportat Azzopardi lill Pulizija. Fl-artikolu hemm l-allegazzjoni ta' attentat ta' serq tal-vot ta' Consolata Azzopardi mill-attur li fir-rapport ma jidhirx. Doris Azzopardi kienet irrapportat li l-attur kien qed jitlob il-vot lill omm ir-ragel taghha u mhux li pprova jisirqu. Kieku l-attur ma kienx ser jghidilha li jekk ma taghtihx il-vot kien ser imur ghand il-pulizija.

Ghalhekk mhiex kwistjoni li l-konvenuti kienu qed semplicement jirriproducu rapport ta' persuna li ghamlet l-ghassa, imma hemm oltre minn dana. Fl-istess artikolu l-gazzetta tghid ukoll li hi kienet ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u rrizultalha dak li gie rapportat.

Fil-Qorti l-attur spjega kif graw il-fatti, u dina l-versjoni hija l-istess bhal dik li

taha lill Pulizija.

Fil-versjoni li Dr. Brincat taha lil Pulizija hemm imnizzel hekk:

*He stated that yesterday he was touring his electoral campaign and as he arrived at said address he knocked and entered and as he stated he had a report that Consolata Azzopardi's daughter in law had taken her voting document, he then asked her about said document and she opened the drawer and she didn't find it, and when asked where it was she answered "at my daughter's in law to put it in a frame". He continued that he reported this matter to a certain Teresa Saliba and she reported this to the district manager.*

Fil-Qorti l-attur taha l-istess versjoni u xehed hekk:

Hu kien qed jikkanvasja fl-*area* fejn kienet toqghod Consolata Azzopardi u gie nfurmat li f'dik il-familja kienu hadulha l-vot biex ma tivvotax. Hu kien tabib tal-familja ghal hafna snin ghalhekk mar biex jara jekk kienx vera. Mar ghandhom u dahal sa fejn il-kcina. Staqsiha jekk kienux tawha l-vot u qaltlu iva. Staqsiha biex jarah u marret biex iggibu izda ma sabitux. Minflok harget il-vot tat-tifel u ridietu jzommu izda hu m'accettax. Rega' staqsiha fejn kien il-vot taghha u rrispondietu li kienet haditu t-tifla biex izzommu rikordju. Dak il-hin dahlet il-mara tat-tifel u staqsiha jekk kienx vera li hadulha l-vot u qalilha li kien sejjer jirrapporta l-ghassa. Hu fil-fatt irrapporta lill wahda mill-ufficjali tal-partit imbaghad il-*headquaters* u ghamel rapport lill *electoral agents*. Imbaghad sab lil Dr. Michael Falzon u kitbu lill Kummissjoni Elettorali biex tinvestiga. Consolata Azzopardi u r-ragel taghha minn dejjem maghrufin bhala laburisti u ma kienx ser jisraq vot ta' laburista. Minn nies sema li dik li suppost zammitilha l-vot kienet Nazzjonalista. Lilu rrizultalu li l-vot veru ma kienx qieghed ghandha imma kien ghand it-tifla.

Fil-fatt mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-pulizija rrizulta li l-vot verament kien ittiehed mit-tifla ta' Consolata Azzopardi u kien qieghed ghandha. Il-Pulizija mbaghad hadulha l-vot u rritornawh lill Consolata Azzopardi (ara fol. 38 u 56).

Consolata Azzopardi xehedet qabel mietet u kienet ikkonfermat li t-tifla taghha Mary Vella kienet talbita l-vot u kienet haditu biex izzommu b'tifkira (ara fol. 67). Hi xehdet li l-attur kien staqsiha fejn kien il-vot meta kien dahal ghandha u hi qaltlu li kienet taghtu lit-tifla.

Minn dawn il-provi l-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti ma rnexxilhom jipprovaw li l-attur kien ipprova jisraq il-vot ta' Consolata Azzopardi.

Il-konvenuti ma xehdux.

**Malafama**

L-allegazzjoni li ghamlu l-konvenuti fil-konfront ta' l-attur hija wahda serja hafna, billi qed jakkuzaw b'reat kriminali - persuna professjonista li hi tabib. Inoltre l-malafama hi aktar gravi ghax il-konvenuti gabu r-ritratt ta' l-attur b'*heading* b'tipa kbira li hu ried jisraq il-vot ta' anzjana. Barra minn hekk l-artikolu inkiteb ftit granet qabel l-elezzjoni ta' Settembru, 1998. Fl-ahharnett stante li l-konvenuti ma rnexxilhomx jipprovaw dak li riedu jippruvaw, dana l-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-kwantifikazzjoni tad-danni. Ir-raguni hi li l-konvenuti billi ma ppruvawx jitqiesu li ghandhom qed jippersistu fil-malafama.

Ghalhekk il-piena f'dan il-kaz ghandha tkun wahda aktar severa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna

lill-konvenut jhallsu lill attur is-somma ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) bhala danni ghall-malafama bl-applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi dwar l-istampa Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**